# MALTA POOL ASSOCIATION

## REGOLAMENTI
## GENERALI TAL-KAMPJONATI
## TAT-TIMIJIET

### STAGUN 2011/12

## REGISTRAZZJONIJIET TA' PLAYERS

1. Kull team jista' jirregistra numru ta' players kemm irrid.

2a. Timijiet jistghu jigu registrati f' zewg perjodi matul l-istagun. L-ewwel perjodu jkun dak fil-bidu ta' l-istagun filwaqt li t-tieni perjodu jkun fiz-zmien seba' t'ijiem mit-tmiem tal-kompetizzjoni 'knockout'. Timijiet registrati fit-tieni perjodu jkunu elegibli li jiehu sehem fil-kampjonati tat-timijiet.

b. Wara r-registrazzjonijiet tal-players fil-bidu ta' l-istagun ikun hemm zewg perjodi addizjonali ta' registrazzjonijiet. Kull tim jista' jirregistra erba' (4) players sa' sebgha (7) t'ijiem wara li tispicca l-kompetizzjoni K.O tat-timijiet u erba' players ohra sa' sebgha (7) t'ijiem wara li jispicca l-ewwel 'round' tal-kampjonati nazzjonali tat-timijiet. Il-hlas tar-registrazzjonijiet f' dawn iz-zewg perjodi jkun ta' €10 ghal kull player.

3a. Registrazzjoni ta' player bi hlas ta' €8 (fil-bidu ta' l-istagun) jew €10 (fiz-zewg perjodi addizjonali) tkun valida sa' tmiem ta' l-istagun

b. Registrazzjoni ta' player tista' jsir ghal perjodu ta' zewg staguni bi hlas ta' €200. Regolament 4a ma jkunx japplika ghal din it-tip ta' registrazzjoni. F' kaz li tim, fi tmiem l-ewwel stagun, ma jkunx in konforma ma' Regolament Nru 5, din it-tip ta' registrazzjoni tkun tista tigi xolta f' kaz li sid il-'club/bar' jiddeciedi li jirtira lill-player koncernat mit-tim. F' dan il-kaz il-'club/bar' jigi rifondat bl-ammont ta' €150.

4a. Registrazzjoni ta' player tista' tigi awtomatikament xolta jekk il-player ma jkun laghab ebda loghba matul l-ewwel fazi tal-kampjonati tat-timijiet. F' kazi bhal dawn il-player ikun jista' jsieheb team iehor fil-perjodu tar-registrazzjonijiet bejn l-ewwel u t-tieni fazi tal-kampjonati tat-timijiet. Ix-xoljiment tar-registrazzjoni ghandu jsir fuq formola li tigi provduta mill-assocjazzjoni.

b. Player li ma jilghabx fl-ahhar erba' loghbiet ta' l-ewwel fazi tal-kampjonati jista jsieheb team iehor bl-approvazzjoni tas-sid tal-'bar/club' u bi hlas ta' €120.00. Il-hlas ghandu jsir mill-player koncernat jew mill-'club/bar' li jkun ser jirregistra lill-player.

c. Fi tmiem tal-kompetizzjoni 'knockout' player jista' jigi trasferit ghall-tim iehor bl-approvazzjoni tas-sid tal-'club/bar' u ghal hlas ta' €150. Il-hlas ghandu jsir mill-player koncernat jew mit-tim li ser ikun jigi registrat mieghu.

5. L-ebda team ma jista' jkollu aktar minn erba' players li jkunu fl-ewwel erbatax –il post fil-lista tar- 'Rankings' nazzjonali li tkun mahruga fi tmiem ta' l-istagun precedenti. **Eccezzjoni:** F' kaz ta' team li jispicca b' aktar minn erba' players fost l-ewwel erbatax –il post fil-lista tar-rankings nazzjonali fi tmiem l-istagun, u l-'player/s' ikunu dejjem laghbu ma' l-istess 'club/bar' dawn ikunu jistghu jibqghu jilghabu fl-istess team. NB F' dan l-istagun l-erbatax –il post jigu defeniti mill-erba' players rebbieha tar-'Ranking Tournaments' u l-ewwel ghaxar player fil-lista tar-rankings nazzjonali.

6. Kull player irrid jipprovdi zewg ritratti (passport size), li jkunu ricenti u identici, biex issirlu ID Card ta' l-assocjazzjoni.

7. L-ebda ID Card ohra, hlif dik mahruga mill- MPA, ma tista' tigi ipprezentata ghall-loghob.

8. L- ID Card tibqa' propjeta tal-MPA u fl-ahhar ta' l-istagun trid tigi ritornata lill-assocjazzjoni.

9. F' kaz li player/team jitlef ID Card/s, is-segretarju ta' l-assocjazzjoni jrid jigi nfurmat bil-miktub sa' mhux anqas minn 48 siegha qabel il-loghba li l-player/team ikun imissu jilghab. L-ebda player/team ma jista' jkompli jiehu sehem fil-loghob, qabel ma' jsirlu ID Card ohra jew ikollu awtorazzazzjoni bil-miktub, bl-ittratt tal-player fuqha, mis-segretarju ta' l-assocjazzjoni.

10. Ghal kull ID Card mitlufa t-team irrid ihallas €15.00

11. L-ebda player ma jista' jiehu sehem f' kompetizzjonijiet li ma jkollomx l-approvazzjoni tal-MPA. Players li jinqabdu jaghmlu dan jistghu jigu sospizi jew immultati jew it-tnejn.

## FORMAT TAL-KAMPJONATI

12. Il-kampjonati nazzjonali tat-timijiet huma maqsuma f' erba divizjonijiet, Premier, l-Ewwel Divizjoni, Tieni Divizjoni u t-Tielet Divizjoni. L-ewwel fazi tal-kampjonati tintlaghab f' forma ta' 'league' b' zewg 'rounds' fuq bazi ta' 'Home' u 'Away'.

Fit-tieni fazi tal-kampjonati Premier, l-Ewwel Divizjoni u t-Tieni Divizjoni l-ewwel sitt timijiet klasifikati jilghabu f 'Championship Pool' u l-ahhar erba' timijiet jilghabu f' 'Relegation Pool'.

Il-format tal-kampjonati tat-Tielet Divizjoni jigi deciz mill-ezekuttiv ta' l-assocjazzjoni fil-bidu ta' l-istagun skond in-numru ta' timijiet li jigu registrati

Championship Pool

a) L-ewwel zewg timjiet fil-klassifika jikkwalifikaw direttament ghas-semi finali.
b) It-tim fit-tielet post jilghab kontra t-tim fis-sitt post filwaqt li t-tim fir-raba' post jilghab kontra t-tim fil-hames post. Ir-rebbieha ta' dawn iz-zewg loghbiet jikkwalifikaw ghas-semi finali
c) Fis-semi finali t-tim li jispicca fl-ewwel post tal-klassifika jilghab kontra r-rebbieh ta' bejn it-timijiet li jkunu spiccaw fir-raba u hames post filwaqt li t-tim fit-tieni post tal-klassifika jilghab kontra r-rebbieh ta' bejn it-timijiet li jkunu spiccaw fit-tielet u sitt post.
d) Il-finali bejn ir-rebbieha tas-semi finali tiddeciedi r-rebbieh tad-divizjoni

e) It-telliefa tas-semi finali jilghabu f' loghba ohra deciziva ghar-rebh tat-tielet post
f) Il-loghob ta' din il-fazi jintlaghb fuq bazi ta' zewg legs 'Home' u 'Away'
g) It-tim l-aktar kwotat fil-klassifika fit-tmiem l-ewwel fazi jilghab l-ewwel loghba 'Home'

<u>Relegation Pool</u>

a) It-tim li jispicca fis-seba post tal-klassifika jilghab kontra t-tim li jispicca fl-ahhar post tal-klassifika filwaqt li t-tim li jispicca fit-tmien post jilghab kontra t-tim li jispicca fid-disa' post.
b) Ir-rebbieha jiltaqghu f' loghba ohra decisiva li tiddikjara t-tim li jzomm postu fl-istess divizjoni
c) Il-loghob kollu ta' din il-fazi jintlaghab fuq bazi ta' 'Home u Away'.
d) It-tim l-aktar kwotat fil-klassifika fit-tmiem l-ewwel fazi jilghab l-ewwel loghba 'Home'

13. Il-loghob tal-kampjonati Premier jintlaghbu nhar ta' Gimgha, dawk ta' l-ewwel divizjoni jintlaghbu nhar ta' Tlieta, dawk tat-tieni divizjoni jintlaghbu nhar ta' Hamis u dawk tat-tielet divizjoni jintlaghab nhar ta' Tnejn.

14a. Kull club jista' jkollu team wiehed biss li jilghab fl-istess divizjoni bl-eccezzjoni tat-Tielet Divizjoni. F'din id-divizjoni, li tkun maqsuma fi tlett sezzjonijiet, club jista' jkollu zewg timijiet f' sezzjonijiet differenti. It-timijiet rebbieha ta' kull sezzjoni jigu promossi ghat-Tieni Divizjoni. F' kaz li z-zewg timijiet mill-istess club jispiccaw fl-ewwel post ta' zewg sezzjonijiet differenti, ikun team wiehed li jigi promoss skond l-ghazla tal-club u t-tielet tim promoss jigi deciz fl-loghba decisiva bejn it-timijiet fit-tieni post ta' l-istess sezzjonijiet.

b. Fi tmiem tal-kampjonati tat-Tielet Divizjoni jintlaghab 'league' bejn ir-rebbieha tat-tlett sezzjonijiet biex jigi deciz it-tim rebbieh tal-kampjonati tat-Tielet Divizjoni. Dawn il-loghob issiru f' post newtrali maghzul mill-assocjazzjoni.

15. Tliet timijiet jigu promossi u relegati minn kull divizjoni. Postijiet vakanti, minhabba irtirar ta' team jew timijiet mill-kampjonati, jintlew minn timijiet li jkunu gew relegati mill-istess divizjoni bil-precedenza tinghata skond il-mertu final tal-klassifika tad-divizjoni. Jekk dan ma jkunx bizzejjed il-postijiet vakanti jintlew minn timijiet fid-divizjoni nferjuri skond il-mertu finali tal-klassifika.

16. Kull loghba tal-kampjonati tintlaghab fuq tliet sezzjonijet. F' kull sezzjoni jilghabu sitt players b' kull player jilghab frame wiehed, total massimu ta' tminntax –il frame. Fl-ewwel sezzjoni jilghabu sitt players skond l-ordni mnizzla fuq l-Iscore Book. Wara li tintemm l-ewwel sezzjoni l-captains tat-timijiet jistghu jibdlu sa' zewg players kemm fit-tieni kif ukoll fit-tielet sezzjoni. Il-loghob ikompli sat-tmiem skond l-ordni fuq 'Iscore Sheet'. Player li jigi sostitwiti fi tmiem ta' l-ewwel sezzjoni jista' jerga jidhol jilghab fit-tielet

sezzjoni. Is-sostizzjonijiet ghandhom jigu notifikati lit-team avversarju, kif ukoll imnizzla fuq l-Iscore Book, qabel tkun ser tibda s-sezzjoni li jmiss. L-ewwel team li jirbah l-ewwel ghaxar frames jigi dikjarat rebbieh. F' kaz ta' rizultat ta' 9-9 il-loghba tkun meqjusa li spiccat fi draw.

17. F' kaz li aktar minn tim wiehed jispicca b' punti mdaqs, fl-ewwel fazi tal-kampjonati, tigi segwita l-ordni ta' hawn taht biex jigu klassifikati t-timijiet:

a) Punti fil-konfronti diretti
b) Differenza ta' frames fil-konfronti diretti
c) Total ta' 'frames' mirbuha matul l-ewwel fazi tal-kampjonati
d) Total ta' 'frames' mitlufa matul l-ewwel fazi tal-kampjonati
e) Jekk il-punti ta' hawn fuq ma jkunux bizzejjed tintlaghab loghba decisiva f' post newtrali maghzul mill-assocjazzjoni

18. L-ahhar zewg timijiet fil-klassifika ta' l-izghar divizjoni, jkunu jridu jhallsu €48.00 addizzjonali biex jiehdu sehem fl-istagun ta' wara. F' kaz li l-izghar divizjoni tkun maqsuma f' sezzjonijiet, zewg timijiet minn kull sezzjoni jkunu jridu jhallsu s-somma addizzjonali.

19. Il-loghob kollu tal-kampjonati jibda fis- 7.15 p.m u jinghataw 15 -il minuta 'grace'. Ma' l-wasla tat-team 'Away', il-captains taz-zewg timijiet ghandhom jiktbu l-hin fuq l-Iscore Sheet.

20. Kull team li jaghti 'walkover' jehel multa ta' €25.00. Meta team jaghti t-tieni 'walkover' matul l-istagun, dan jigi sospiz immedjatament u relegat.

21. Jekk team sa' l-ahhar tal-loghba ma jkollux erba' (4) players biex jilghabu, jiltlef il-loghba, tinghata 'walkover' kontrih u jigi mmultat.

22. Il- 'Captains' tat-timijiet koncernati, jridu jipprezentaw l-ID Cards ta' l-ewwel sitt players li jkunu ser jilghabu fl-ewwel sezzjoni. Dawn ghandhom jitnizlu fuq l-Iscore Book (tal-Home Team) skond l-ordni kif prezentati.

23. It-team rebbieh huwa responsabli li jibghat ir-rizultat (f' kaz ta' 'draw' il- 'home team') lis-segretarju tal- MPA f' dan l-indirizz:

Malta Pool Association,
P.O Box 33,
Paola

24. Wara kull loghba u sa' mhux izjed tard mit- 3.00 am it-team rebbieh jew f' kaz ta' 'draw' il- 'home team', ghandu jcempel fuq Tel. No. 21677923 u jhalli r-rizultat fuq l- 'Answering Machine'. Minn ma jaghmilx dan jigi immultat €8.00 kull darba.

25. Min ma jibghatx ir-rizultat, fl-indirizz imsemmi f' regolament numru 23, fi zmien tliet ijiem mid-data tal-loghba jigi mmultat €15.00. Rizultati li ma jkunux

ffirmati mill-'captains' jew rapprezentanti taz-zewg timijiet ma jigux accetatti minghajr raguni valida u jintilfu l-punti.

26. L-ebda team ma jista' jbiddel id-dati jew jirranga 'fixtures' tal-loghba minghajr l-awtorizzazjoni tas-segretarju ta' l-assocjazzjoni. L-ebda 'fixture' ma tista' tigi posposta wara d-data originali taghha. Timijiet li jiftemu li jbiddlu d-data ta' 'fixture', qabel dik originali taghhom, ghandhom jinfurmaw lis-segretarju ta' l-assocjazzjoni mhux anqas minn gimgha qabel id-data tal-loghba. L-assocjazzjoni jzomm id-dritt li tirrifjuta tibdil fid-dati tal-loghob kif ukoll tirriserva d-dritt li tibdel dati tal-loghob ghar-ragunijiet li thoss li jkunu validi.

27. Ghal kull rebha jinghataw tlett (3) punti u f' kaz ta' draw jinghata punt wiehed (1) liz-zewg timijiet.

28a. Il-loghob kollu ghandu jkun irrefjat mill-istess players registrati fiz-zewg 'clubs' koncernati fil-loghba. In-numru tar-registrazzjoni tal-ID Card tal-MPA, tal-player li jkun ser jirrefja, ghandu jitnizzel fuq l-Iscore Book, flimkien ma' dawk tal-players li jkunu ser jilghabu.

b. Il- 'Home team' ghandu jipprezenta l-ewwel referee biex jirrefja l-ewwel loghba. Timijiet li ma jkollomx 'referee/s' biex jirrefjaw jitilifu l-loghba shiha b' 'walkover' u jigu immultati.

29. Il-ftuh ta' l-ewwel 'frame' ghandu jsir mill-ewwel player tal-'Home Team'. Il-ftuh tal- 'frames' segwenti jibqgha jalterna sat-tmiem tal-loghba.

30a. Kull tim ghandu jkollu arlogg 'timer' disponibli fil-hin tal-loghob. It-tim li jonqos minn dan jitlef il-loghba shiha bhala 'walkover'.

b. F' kull 'frame' l-arlogg 'timer' ghandu jinzamm minn player (skond Reg. No 28) tat-tim oppost li jkollu r-'referee' jirrefja l-loghba. Din il-persuna ghandha tkun bil-qeda qrib il-mejda.

c. Il-player li jzomm l-arlogg 'timer' ma jistghax jiehu decizjonjiet fuq il-loghba

d. Ir-'referee' tal-loghba biss ghandu dritt li jiccekja l-hin fuq l-arlogg 'timer'. L-ebda persuna ohra ma tista' taghmel dan.

## HLASSIJIET DOVUTI U PREMJIJIET

31. Kull club ghandu jhallas €40.00, fil-bidu ta' l-istagun, bhala shubija fl-assocjazzjoni.

32a. Il-hlas ta' l-entratura tal-kampjonati tat-timijiet ghandu jkun ta' €55.00 ghal kull team. Barra dan ghandha tithallas registrazzjoni ta' €8.00

ghal kull player. Hlas ghal players li jkunu fl-ewwel erbatax il post fil-lista tar-‘rankings’ nazzjonali fi tmiem l-istagun precedenti jkun ta’ €25.00 kull player.

b. Timijiet jistghu jirregistraw fil-bidu ta’ l-istagun biex jiehdu sehem fil-kampjonati tat-timijiet, kompetizzjoni ‘knockout’ tat-timijiet kif ukoll fil- kompetizzjoni tal-Milied u jibbenifikaw minn skont billi jhallsu s-somma mnaqqsa ta’ €110.00 minflokk is-somma ta’ €135.00 ghal hlassijiet individwali tal-kompetizzjonijet tat-timijiet li huma ta’ €55.00 ghall-kampjonati, €40.00 ghall-kompetizzjoni knockout u €40.00 ghall-kompetizzjoni tal-Milied. Dan l-iskont ma jinkludiex ir-registrazzjonijiet tal-players.

c. Timijiet registrati fit-tieni perjodu jhallsu €70 ghall-entratura tal-kampjonati tat-timjiet fl-anqas divizjoni kif ukoll €10 ghal kull player li jigi registrat. Hlas ghall-players li jkunu fl-ewwel erbatax – il post fil-lista ta’ ‘rankings’ nazzjonali fi tmiem l-istagun precedent jkun ta’ €25 ghal kull player.

33. Kull team ghandu jaghmel depozitu ta’€70.00 li jinghata lura fil-bidu ta’ l-istagun ta’ wara.

34. Premjijiet:

<u>Kampjonati Premier</u>

Rebbieha ‘Shield’ li tinzamm ghal sena
‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox
‘Trophy’/midalja ghal kull player tat-team

Tieni Post ‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox
‘Trophy’/midalja ghal kull player tat-team

Tielet Post ‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox

<u>L-Ewwel Divizjoni</u>

Rebbieha ‘Shield’ li tinzamm ghal sena
‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox
‘Trophy’/midalja ghal kull player tat-team

Tieni Post ‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox
‘Trophy’/midalja ghal kull player tat-team

Tielet Post ‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox

Tieni Divizjoni

| | |
|---|---|
| Rebbieha | ‘Shield’ li tinzamm ghal sena |
| | ‘Trophy’ ghal kollox |
| | ‘Trophy’/midalja ghal kull player tat-team |
| Tieni Post | ‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox |
| | ‘Trophy’/midalja ghal kull player tat-team |
| Tielet Post | ‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox |

Tielet Divizjoni

| | |
|---|---|
| Rebbieha | ‘Shield’ li tinzamm ghal sena |
| | ‘Trophy’ ghal kollox |
| | ‘Trophy’/midalja ghal kull player tat-team |
| Tieni Post | ‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox |
| | ‘Trophy’/midalja ghal kull player tat-team |
| Tielet Post | ‘Trophy’ li tinzamm ghal kollox |

**PROTESTI U APPELLI**

35. Kull team ghandu dritt li jipprotesta jekk ihoss li hemm xi irregularijiet.

36. Biex jigi processat protest, team irrid jibghat fl-indirizz tas-segretarju tal-MPA (Reg. Nru. 23):

(a) Tlett kopji tal-protest bil-miktub fi zmiem 72 siegha
(b) Ihallas ‘fee’ ta’ €100.00

37. Il- ‘fee’ tinghata lura jekk it-team jirbah il-protest.

38. Fin-nuqqas ta’ appell, it-team li jitlef il-protest irrid ihallas €15.00, spejjes ta’ l-ipprocessar tal-protest.

39. Kull team ghandu dritt li jappella mid-decizjoni tal-kumitat tal-protesti.

40. Biex jig processat appell team irrid jibghat fl-indirizz tas-segretarju tal-MPA:

(a) Tlett kopji ta’ l-appell bil-miktub fi zmiem 48 siegha mid-data li jircievi d-decizjoni tal-kumitat tal-protesti.

(b) Ihallas ‘fee’ ta’ €150.00

41. Il- ‘fee’ imhallsa tinghata lura jekk it-team jirbah l-appell.

42. It-team li jitlef l-appell irrid ihallas €25.00, spejjes ta' l-ipprocessar tal-protest u ta' l-appell.

43. Id-decizjoni tal-kumitat ta' l-appelli hija finali.

44. Il-protesti/appelli jigu mmexija minn kumitati tal-protesti/appelli maghmula minn delegati tal-clubs ta' divizjoni diferenti minn dik tat-team protestant jew appellant.

45. Membru tal-kumitat tal-protesti/appelli ma jistax jisma' protest/appell tat-team tieghu.
46. Protesti u Appelli huma regolati minn Artiklu 17 ta' l-istatut ta' l-assocjazzjoni

**<u>GENERALI</u>**

47. Kull club irrid jahtar zewg delegati, li jkunu players jew membri ta' l-assocjazzjoni, biex jirraprezentawh f' laqghat msejha mill-ezekuttiv jew minn sotto kumitati ta'l-ezekutiv.

48. Kull club irrid jahtar delegat, li jkun player jew membru ta' l-assocjazzjoni, biex isservi fil-kumitat ta' protesti/appelli skond Artiklu 17 ta' l-istatut.

49. Delegati ta' 'clubs/bars' membri fl-assocjazzjoni li ma jkunux prezenti mill-bidu sa' l-ahhar tal-laqgha generali tal-MPA, jigu mmultati €40.00 kif ukoll l-istagun ta' wara, t-team jew timijiet taghhom jibdew bit-tliet punti nieqsa.

50. Il-korrespondenza kollha ghandha tintbaghat lis-segretarju ta' l-assocjazzjoni fl-indirizz insemmi f' regolament numru 23. L-ebda korrespondenza jew affarijiet ohra ma jigu accettati f' postijiet jew indirizzi ohra. Is-segretarju ta' l-assocjazzjoni jzomm id-dritt li personalment jilqgha registrazzjonijiet jew formoli jew korrespondenza f' postijiet li jigu notifikati minnhu permess ta' cirkulari.

51. Jekk multa ma tithallasx fi zmien deciz mill-MPA, il-club ma jithalliex jiehu sehem f' aktar kompetizzjonijiet u jigi sospiz.

52. Kull team li jkun qieghed jilghab 'Home' irrid jipprovdi l-loghob b' xejn lit-team avversarju.

53. Jekk il-bocci ma jkunux sofor u homor jew ma jkunx hemm 'rest' u 'spider', il-loghba tinghata 'walkover' u t-team jigi immultat.

54. Clubs li jkollom timijiet jilghabu fil-kampjonat Premier irrid ikollom l-mejda li tkun f' pozizzjoni li tkun tista tilghab, mad-dawra taghha kollha, bi stikka ta' mhux anqas minn erba' piedi u nofs tul filwaqt li timijiet f' divizjonijiet ohra huwa neccessarju li tkun tista' tilghab bi stikka ta' erba' piedi.

55. Fl-ebda club waqt il-hin tal-loghob tal-MPA ma jista' jkun hemm kompetizzjonijiet ta' xi loghob iehor. Video Games/TV li jkunu fl-istess kamra tal-loghob, ghandom jigu mitfijja kemm il-darba t-team avversarju jitlob dan, filwaqt li kaxxi tal-loghob fi kmamar ohra jrid ikollom is-'sound' regolat. Hneja jew arkata tigi kunsidrata bhala parti minn kamra ohra.

56. Fuq kull mejda tal-loghob irrid ikun hemm 'canopy' li jkollha dawl addekwat bizzejjed accettat mill-ezekuttiv.

57. Il- 'Home team', waqt il-hin tal-loghob, irrid ikun fil-pusses tar-regolamenti kollha ta' l-assocjazzjoni. Min jonqos minn dan jigi mmultat €15.00.

58a. L-ebda club ma jista' jorganizza kompetizzjonijiet minghajr l-approvazzjoni tal-MPA. Clubs li jkunu jridu jorganizzaw kompetizzjonijiet ghandhom jiktbu lis-segretarju ta' l-assocjazzjoni biex jinhareg permess. Applikazzjonijiet ghall-kompetizzjonijiet fuq skala nazzjonali ghandhom jintbaghtu mhux anqas minn tliet gimghat qabel ma tibda l-kompetizzjoni.

b. Clubs membri fl-assocjazzjoni li ma jitolbux permess biex jorganizzaw kompetizzjoni jigu mmultati €72.00

c. Players li jiehdu sehem f' kompetizzjonijiet organizzati minn clubs jew individwi mhux membri fl-assocjazzjoni, minghajr il-permess ta' l-assocjazzjoni, jigu mmultati €24.00

59. L-ebda club/player ma jista' jibghad ittri/avvizi in konnesjoni mal-loghba tal- 'Pool', lill-gazzetti/TV, awtoritajiet jew dipartimenti governativi, jekk ma jkollux l-approvazzjoni ta' l-assocjazzjoni. Minn jinqabad jaghmel dan jista' jigi sospiz immedjatament.

60. Team/s li jinqabdu jirrangaw ir-rizultat jigu sospizi immedjatament sa' l-ahhar ta' l-istagun, jigu relegati u mmultati €120.00

61. L-ufficjali ta' l-assocjazzjoni, jew membri ta' l-ezekuttiv inkarigati mill-istess ufficjali, jzommu d-dritt li jitolbu l-Iscore Book tal-clubs meta jhossu li jkun mehtieg. Clubs li jinstabilhom, score sheets neqsin u li ma jkunux jidhru fil-ktieb, jigu immultati €25.00 ghal kull score sheet nieqsa. Score Sheets kancellati ghandhom jithallew, bi tliet kopji, fil-ktieb.

62. Jekk l-ezekuttiv ta' l-assocjazzjoni jew sotto kumitati ta' l-ezekuttiv jaghjat player jew membru tal-MPA, dan irrid jidher quddiem il-kumitat. Jekk dan ma jsehx il-player jew il-membru jista' jigi mmultat jew sospiz jew it-tnejn.

63. Il-clubs kollha membri fl-assocjazzjoni jrid ikollom mejda tal-Pool ta' daqs bejn 72" u 78" tul (playing area).

64. L-assocjazzjoni taghmel l-ghalmu taghha biex tipprovdi 'referee' jekk dan jigi mitlub minn team jew timijiet ghal loghob tal-kampjonati. It-talba ghal

dan ghandha jsir bil-miktub mhux anqas minn sitt t'ijiem qabel il-loghob akkumpanjata bi hlas ta' €30.00

65. Is-'Super Cup' tintlaghab fl-ahhar ta' l-istagun bejn ir-rebbieha tal-kampjonati 'Premier' u r-rebbieha tal-kompetizzjoni 'knockout' riservata ghat-timijiet tal-kampjonati Premier u ta' l-Ewwel Divizjoni. F' kaz li jkun li-istess tim li jirbah iz-zewg unuri l-loghba ghar-rebh tas-'Super Cup' tintlaghab bejn ir-rebbieha tal-kampjonati 'Premier' u t-tim li jispicca fit-tieni post fl-istess kampjonati 'Premier'.

66. It-timijiet li jispiccaw fl-ewwel erba' postijiet fil-kampjonat Premier jigu 'seeded' fil-kompetizzjoni 'knockout' u 'Christmas Cup' ta' l-istagun ta' wara.